MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2005

Appell Kriminali Numru. 72/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Victor Attard**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Settembru, 2004, ghall-habta ta' 14.30 hrs., gewwa Triq Fidiel Zarb, Gharghur, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu kkaguna hsara nvolontarja ghad-dannu ta' Kunsill Lokali Gharghur**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Marzu, 2005, li biha wara li rat l-artikoli 328(d) proviso tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta’ Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu sabiex ihallas ghaxar liri Maltin (LM10) ammenda kif ukoll ihallas lill-Kunsill Lokali tal-Gharghur is-somma ta’ wiehed u tmenin lira Maltin u erba’ w tmenin centezmu (LM81.84).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. li anki d-danneggjament involontarju ghandu l-elementi tieghu bhala reat. Wiehed ma jistax jargumenta bil-maqlub fis-sens li ladarba kien hemm il-hsara allura necessarjament kien hemm ir-reat u mill-effett tasal ghall-kawza. Dan ghax hemm kazijiet fejn jista’ jkun *CASUS* fejn issir il-hsara izda ma tkunx attribwibbli ghall-ebda traskuragni , imperizja jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti. Hemm ukoll l-element intenzjonali f’ dar-reat fis-sens li l-agir irid ikun xjenti u kien prevedibbli r-rizultat ghal-kemm ma kienx mistieq . F’ dan il-kaz l-appellant kien mitlub li jipprotegi l-fanal u dak li pprova jaghmel. L-intenzjoni tieghu kienet bil-maqlub li tigi kawzata l-hsara anki involontarja u b’hekk ippresta l-ghajnuna tieghu nhux imhallsa jew b’ dover lejn haddiehor li kien jaghmel ix-xoghol. Ghalhekk jonqsu l-elementi tar-reat. Barra minn hekk hemm il-*casus* f’ dan il-kaz. Plastic imholli taht xemx tizreg malajr jitqarqac u jkun *brittle* u kif tmissu, malajr jizviluppa hsara. 2. li l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija llegittima skond il-ligi. L-artikolu li tahtu kien misjub hati ma jaghtix poter ta’kundanna tal-hlas tad-danni kagjonati u ghalhekk din il-parti tas-sentenza hija kontra l-ligi. 3. Li l-appellant ma ghamel l-ebda wiehed mill-atti involontarji li jammontaw ghal reat. Hu kien qed izomm il-fanal maqtugh mill-art u waqt li qed izomm il-fanal ic-caqlieq sar mill-vettura li kien fuqha

**Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenzi tad-9 ta’ Gunju w tat-23 ta’ Gunju, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-Qorti thoss li jkun utili li jigu rikapitolati fil-qosor id-depozizzjonijiet li hi semghet.**

PS 321 Alan Lagrasta **xehed li fil-11 ta' Settembru, 2004, kien l-ghassa tan-Naxxar u kien mar il-Vici-Sindku tal-Gharghur Mark Azzopardi w irraporta li persuna kienet ghamlet hsara fil-fanal fi Triq Fidil Zarb fil-Gharghur. L-allegazzjoni kienet li kien hemm persuna fuq skip u dan mess il-fanal u nkiser. Hu kien sab fuq min kienet l-skip u dan kien James Albert Zammit. Meta kellem lill-appellant, dan kien qallu li hu kien fuq l-iskip u mess il-fanal ghax riedu jghaddu bir-*reverse* u ma kienx hemm spazju bizzejjed u dan iccaqlaq minn postu. Hemm it-triq dejqa. L-appellant ma kienx id-driver tat-truck imma kien fuq il-kaxxa ta' wara.**

**In kontro-ezami x-xhud qal li ma jiftakarx li l-appellant kien qallu li tal-iskip kien talbu pjacir u jitlaghlu fil-kaxxa halli joqghodlu ghassa w jirrangalu halli ma jolqotx il-fanal. Tal-iskip ma kienx qallu li lill-appellant kien sabu fuq il-post hemmhekk u li ma kellux x'jaqsam. Ghalkemm hu kien mar fuq il-post ma rax il-hsara ghax il-fanal kien fil-gholi. Kien talab lill-Kunsill igiblu stima tal-hsara w mexxa minn hemm. Is-Sindku kien qallu li l-fanal kien imdendel imma hu ma jafx li rah hekk. Ma jistax jghid li kien imkisser igifieri ser jaqa' mall-art.**

Mark Azzopardi**, Vici-Sindku tal-Gharghur, xehed li dak in-nhar hu kien fil-gallarija tad-dar tieghu w ra truck bi skip fuqu diehel u ra bniedem go l-iskip u x' hin wasal hdejn fanal li kienu ghadhom kif ghamlu tal-Kunsill u ma setax jghaddi, caqalqu b' idejh biex forsi jipprova jghaddi w x' hin caqalqu hu semghu jfaqqa' u rah . Hemmhekk hemm tabelli li jindikaw li *heavy***

**_vehicles_ ma jistghux jhidhlu .Gharaf lill-appellant bhala l-persuna li telghet tmiss il-fanal. L-appellant kien gja gol-iskip u fuq it-truck x' hin rah l-ewwel darba u dak il-hin kien xi hamsin metru 'l boghod. It-truck kien diehel bil-mod. Fanal gdid jiswa' LM200 imma l-kuntrattur irrangah bi spiza ta' LM81.84c skond l-invoice esebita. Lill-appellant hu dak in-nhar ma kellmux.**

**In kontroezami qal li lill-appellant kien rah qabel u jaf li hu jkun ghand Mrs. Borg Olivier. Qatt ma rah bi skip qabel. Dak il-hin kien fl-skip li kien vojt l-appellant u hu kien sema' l-fanal ifaqqa'.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jirrizulta minn dawn il-provi li l-appellant veru kien tela' gol-iskip biex izomm il-fanal halli it-truck bl-iskip fuqu jkun jista' jghaddi minn dik il-parti tat-triq u li waqt li kien qed imiss il-fanal, dan faqqa' w kellu hsara fl-ammont ta' LM81.84c kif anki jirrizulta mid-dokument a fol.5 tal-process li gie konfermat bil-gurament minn Mark Azzopardi .**

**Illi ghamilx hekk volontarjament ghax inzerta kien fil-vicin u gie mitlub jaghmel pjacir lil tat-truck jew kienx addirittura qed jghin lil tat-truck dak in-nhar, ftit ghandu rilevanza ghal-kaz ghaliex fiz-zewg kazijiet kien obbligat li juza l-prudenza mehtiega biex jevita li ssir hsara lill-fanal li kien qed jostakola l-passagg tat-truck minn dik it-triq dejqa' bir-reverse.**

**Illi fil-waqt li hu koncess ukoll li l-intenzjoni tal-appellant setghet u x' aktarx fuq bazi ta' probabbilita' kienet li hu jevita li ssir hsara lill-fanal, bil-fatt li bil-fors uza certa forza jew pressjoni fuqu, dan faqqa' u kellu jigi msewwi.**

**Issa l-appellant pero' qed jissottometti li dak li gara' kien dovut ghal "_casus_" li ghalih hu m' ghandux jirrispondi ghax jghid li l-fanal inqasam jew faqqa' ghax kien _"brittle_" minhabba li l-plastic taht xemx**

**tizreg malajr jitqarqac u kif tmissu malajr jizviluppa hsara. Issa apparti li ma saret ebda prova ghall-inqas sal-grad tal-probabbli li dan kien il-kaz, u din hija biss kongettura tal-appellant, kieku stess kien hekk, imissu aktar kien prevedibbli ghall-appellant li malli jaghmel xi pressjoni jew forza fuq il-fanal, dan ikun jista' jinqasam jew tigrilu l-hsara. Ghalhekk anki jekk l-intenzjoni tieghu kienet li jevita hsara - aktar minn dik li jkun jista' jidhol it-truck fejn mhux suppost jidhol – xorta wahda, ladarba azzarda li jitla' jzomm il-fanal, imissu qaghad attent li dan ma jigrilux hsara fil-kondizzjoni li issa qed jissottometti li kien fiha dan il-fanal.**

**Illi umbaghad is-sottomissjoni li mhux il-pressjoni tieghu fuq il-fanal imma xi caqlieq tat-truck kien il-kawza tal-hsara, hija ukoll kongettura w f' kull kaz, jekk hu indahal biex minn fuq l-skip li kienet fuq it-truck li jaf li kien ser jiccaqlaq izomm il-fanal, kien imissu rrejalizza li mac-caqlieq tat-truck il-pressjoni jew forza fuq il-fanal ser tizdied bil-konsegwenzi li – jekk mhux mistieqa jew prevvisti minnu – kienu zgur prevedibbli.**

**Ghalhekk taht kull aspett l-aggravju dwar il-mertu li jolqot il-htija nvolontarja hu nfondat u qed jigi respint.**

**Illi mhux l-istess pero' dwar it-tieni aggravju dwar il-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez tal-hsara nnifisha. Huwa minnu li l-artikolu li tahtu ntstab hati l-appellant u cioe' l-artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali ma jikkontemplax li fil-kundanna w l-piena ikun hemm provvediment tali. Ara kieku l-Ewwel Qorti applikat il-provvedimenti tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali jew tal-artikolu 24 tal-Kap.446, dan setghet taghmlu. Imma l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkundannat lill-appellant ghall-piena pekunjarja tal-ammenda, kif setghet taghmel skond l-imsemmi artikolu 328 (d) fejn applikat il-piena tal-kontravvenzjonijiet. Ghalhekk ma setghetx ukoll temani l-kundanna ghall-hlas tad-danni kif fil-fatt ghamlet. Ghalhekk dan l-aggravju hu gustifikat u qed jigi milqugh.**

**Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh limitatament billi s-sentenza appellata qed tigi riformata, billi qed tigi konfermata in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w in kwantu kkundannatu jhallas ghaxar liri (LM10) ammenda w qed tigi revokata in kwantu l-appellant gie ukoll ikkundannat li jhallas lil Kunsill Lokali ta' Hal Gharghur is-somma ta' LM81.84c.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------